Il-Kummissjoni Ewropea

LEŻBJANI
GAY
BISESSWALI
TRANS
INTERSESSWALI
ETEROSESSWALI

ILKOLL DIFFERENTI ILKOLL UGWALI

#EU4LGBTI

L-UGWALJANZA HIJA VALUR FUNDAMENTALI TAL-UE

Aħna lkoll għandna d-dritt li niġu ttrattati b'mod ugwali, irrispettivament mill-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew il-karatteristiċi tas-sess tagħna. L-Unjoni Ewropea (UE) matul is-snin kienet qed tippromwovi l-ugwaljanza tal-leżbjani, il-gay, il-bisesswali, it-trans u l-intersesswali (LGBTI), iżda filwaqt li qed isir progress, id-diskriminazzjoni għadha tinsab fostna. In-nies jistgħu ma jħossuhomx siguri fl-ispazji pubbliċi; huma jaf ma jkollhomx l-opportunitajiet li għal persuni oħra huma ovvji fuq il-post tax-xogħol; huma jistgħu jħossu l-ħtieġa li fl-iskola jaħbu min huma. Dawn jistgħu jaffaċċjaw diskriminazzjoni meta jkunu qed jaċċessaw il-kura tas-saħħa, jassiguraw rikonoxximent legali tal-ġeneru f'dokumenti uffiċjali jew sempliċiment meta jkunu qed jgħixu l-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Id-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTI tmur kontra l-valuri fundamentali tal-UE u diment li din tibqa' problema, l-UE mhux se tieqaf taħdem qabel twaqqafha.

KUN AF ID-DRITTIJIET TIEGĦEK

Fil-livell tal-UE, id-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali fuq ix-xogħol ilha li saret illegali mis-sena 2000, taħt id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi. Din tiżgura li int tiġi legalment protett/a jekk, pereżempju, taħseb li tkun qed tiġi ttrattat/a b'mod inġust abbażi tal-orjentazzjoni sesswali tiegħek meta tkun qed tapplika għal impjieg jew għal promozzjoni. Id-Direttiva tipproteġik kontra l-bullying jew il-fastidju fuq il-post tax-xogħol.

Taħt id-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri stabbilixxew korpi nazzjonali tal-ugwaljanza, u f'għadd ta' pajjiżi, dawn ikopru wkoll id-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru. Dawn l-organizzazzjonijiet, flimkien ma' NGOs u trade unions, se jkunu jistgħu jgħinuk meta tħoss li tkun saret diskriminazzjoni kontrik fuq ix-xogħol jew meta tapplika għal impjieg.

Il-Kummissjoni Ewropea għamlet proposta wkoll li din il-protezzjoni tiġi estiża għas-sigurtà soċjali, il-kura tas-saħħa, u l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi bħall-abitazzjoni. Din il-proposta għad trid tiġi adottata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-Parlament Ewropew. Xi Stati Membri diġà adottaw din il-leġiżlazzjoni fuq livell nazzjonali.

X'QED TAGĦMEL L-UE BIEX TAVVANZA L-UGWALJANZA LGBTI?

Biex tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni li jaffaċċjaw il-persuni LGBTI, il-Kummissjoni Ewropea żviluppat il-**"Lista ta' azzjonijiet dwar l-avvanz tal-ugwaljanza għal-LGBTI"**. Eżempji konkreti huma:

Appoġġ għas-soċjetà ċivili

L-NGOs huma xprunaturi ewlenin għal bidla. Din hija r-raġuni għala l-Kummissjoni Ewropea tappoġġja l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili LGBTI permezz tal-programm Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza u l-programm Erasmus+. Dan il-finanzjament jappoġġja, pereżempju, parati fil-Pajjiżi Balitici u fir-Repubblika Ċeka, kampanji ta' kontra l-bullying fl-iskejjel Griegi jew għodod online biex jiġi evitat diskors ta' mibegħda fl-Italja.

Barra mill-UE, l-omosesswalità għadha tiġi kriminalizzata f'aktar minn 70 pajjiż u fi tmienja minnhom, din tista' twassal għall-piena tal-mewt. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bnedmin LGBTI f'dawk il-pajjiżi jingħataw appoġġ permezz tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ġustizzja u Konsumaturi

Diskors ta' mibegħda u reati ta' mibegħda

Id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda ta' natura omofobika u transfobika huma attakk fuq id-dinjità ta' persuna. Dawn jaffettwaw kemm il-vittma tgawdi d-drittijiet fundamentali tagħha. Il-Kummissjoni trawwem diskussjoni bejn l-Istati Membri, tiżgura skambju tal-aħjar prattiki u tiżviluppa gwida informali dwar kif jiġu evitati u jiġu miġġielda d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda.

Ġestjoni tad-diversità

Il-persuni jqattgħu parti kbira mill-ħin tagħhom fuq ix-xogħol, fejn m'għandhomx iħossuhom vulnerabbli sempliċiment talli jkunu huma nfushom. Il-Kummissjoni tistimula lin-negozji biex joħolqu postijiet tax-xogħol inklużivi għall-persuni LGBTI permezz tal-Pjattaforma tal-UE tal-Karti tad-Diversità. Bħalissa, 27% ta' dawk il-kumpaniji li ffirmaw il-Karta tad-Diversità jiffukaw ukoll fuq l-orjentazzjoni sesswali fl-inizjattivi tagħhom tad-diversità. Il-Kummissjoni Ewropea qed taħdem biex dak in-numru jiżdied.

Sensibilizzazzjoni

Spiss ma nkunux nafu dwar it-tip ta' sfidi li l-persuni LGBTI jaffaċċjaw. Biex tagħti leħen lin-nies, il-Kummissjoni qed tiżviluppa testimonjanzi personali b'vidjow ta' persuni LGBTI u qed torganizza dibattiti fl-Istati Membri. Il-vidjows u d-dibattiti jesploraw id-diskriminazzjoni li l-persuni LGBTI jaffaċċjaw u dak li jista' jsir biex is-sitwazzjoni tagħhom titjieb.

Il-Kummissjoni wriet ukoll appoġġ pubbliku billi fil-Jum Internazzjonali Kontra l-Omofobija (17 ta' Mejju) dawlet il-kwartieri tagħha, il-bini Berlaymont fi Brussell, bil-kuluri tal-bandiera qawsalla u billi ħadet sehem fil-EuroPride.

AĊĊETTAZZJONI SOĊJALI U DISKRIMINAZZJONI: KIF MALTA TITQABBEL MAL-MEDJA TAL-UE

	UE	MT
Fuq perjodu ta' sena, dan huwa l-ammont ta' **persuni LGBTI li esperjenzaw diskriminazzjoni jew fastidju**.	47%	51%
Il-medja tal-UE turi li nofs il-popolazzjoni biss tħossha komda bl-idea li **persuna LGBTI tkun fl-ogħla pożizzjoni politika eletta**.	54%	61%
Nofs l-Ewropej biss huma komdi b'**koppji gay li juru affett fil-pubbliku** (eż. jitbewsu jew iżommu jdejn xulxin).	49%	38%
Huwa minnu li d-diskriminazzjoni hija mifruxa sew, iżda l-maġġoranza kbira tal-Ewropej hija **favur id-drittijiet ugwali** għall-persuni Leżbjani, Gay, Bisesswali, Transġeneru u Intersesswali (LGBTI).	71%	77%

*Sorsi: **Ewrobarometru Speċjali 437- Diskriminazzjoni fl-UE fl-2015** u **Stħarriġ tal-LGBT fl-UE, FRA, 2013***

AKTAR INFORMAZZJONI: ec.europa.eu/lgbti #EU4LGBTI

https://twitter.com/EU_Justice https://www.facebook.com/EUJustice https://www.youtube.com/user/EUJustice